# IX-XEWK

Qalilkom—Jien Sultan—, u dlonk tbissima
Ta' għira, ta' ħżunija u ta' mibegħda
Ċarrtet xofftejkom, u b'għeliem ta' qima
Li mill-imħabba kienet wisq imbiegħda.

Kelliltu f'rasu x-xewk, iżda b'tislima
Li fuq xofftejkom ġiet, bla tafu, mqiegħda,
Lilu b'Sultan għaraftu... u Hu tilwima
Ma semma' qatt għal dat-tmaqdir bla heda.

Boloh u mġienen! Mhix is-saltna tiegħu
Saltna li tgħaddi fuq ġwenħajn ir-riħ,
Għaddew iż-żmenijiet, 'mma qawwet driegħu

Għadha żagħżugħa u tibqa', u jibqa' Kristu
Isaltan waħdu fuq il-qlub, fl-erwieħ,
Għalkemm lil das-Sultan bix-xewk libbistu!